MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1275/1991/1

**Angelo Galea, Eva Galea, Maria sive Mariam mart Mario Bezzina, u l-istess Mario Bezzina bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Elizabeth mart Joseph Buhagiar u l-istess Joseph Buhagiar bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu u Angelo Galea bhala legittimu rapprezentant ta' ibnu minuri Reuben Galea; u b' digriet tas-26 ta' Jannar 1998, il-Qorti awtorizzat li wara l-mewt ta' Angelo Galea, Reuben Galea, issa maggorenni, jirraprezenta lilu nnifsu.**

**Vs**

**Silvio Piscopo**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-3 ta’ Dicembru 1991 li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fit-23 ta’ Gunju 1991 Alexander Galea bin l-atturi Angelo u Eva Galea u hu l-atturi Miriam Bezzina, Elizabeth Buhagiar u Reuben Galea tilef hajtu ghall-habta tal-10:25 p. m. f’ incident awtomobilistiku f’ B’Kara Road, Msida, meta kien qed isuq mutur tal-ghamla Yamaha 250 numru ta’ registrazzjoni Q – 2344 u l-konvenut qabad u ghamel U-turn f’ din it-triq bil-vettura tieghu Corsa numru ta’ Registrazzjoni F – 7798, tant li minhabba f’ dan il-U-turn miet Alexander Galea;

Premess illi l-incident *de quo* gara tort uniku tal-konvenut li kien qed isuq b’ mod traskurat u b’ non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u b’ imperizja kbira;

Premess illi l-konvenut interpellat biex jersaq ghal-likwidazzjoni ta’ danni sofferti mill-atturi baqa’ ma ghamel xejn;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara l-konvenut responsabbli tad-danni minnu kkagunati lill-atturi minhabba l-incident li sehh fit-23 ta’ Gunju 1991 f’ B’Kara Road, Msida, gara tort uniku tieghu u dan minhabba imperizja, negligenza u non osservanza ta’ regolamenti;

2. Tillikwida d-danni kagunati mill-konvenut occorrendo permezz ta’ perit u esperti nominandi;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma likwidata ai fini tat-tieni talba;

Bl-ispejjez u bl-imghax;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fl-20 ta’ Jannar 1992 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi huwa ma kienx responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fit-23 ta’ Gunju 1991 fil-limiti ta’ l-Imsida, liema incident gara unikament tort tal-mejjet Alexander Galea;

2. Salve eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Frar 1992 li permezz tieghu gie nominat bhala perit legali l-avukat Dottor Joseph Schembri biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’ jaqsmu mal-kaz; kif ukoll id-digriet tad-29 ta’ Novembru 1993 li permezz tieghu gie ezentat il-perit legali Dr. Joseph Schembri mill-inkarigu lilu moghti u gie sostitwit ghalih l-avukat Dr. Joseph Ciappara fl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali Dr. Joseph Ciappara li tinsab a fol 127 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-2 ta’ Dicembru 1996; kif ukoll ir-risposti bil-miktub ta’ l-istess perit legali ghad-domandi li saru mill-atturi mahlufa fl-udjenza tal-5 ta’ Novembru 1997;

Rat l-affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Jidher kjarament minn ezami ta' l-attijiet tal-kawza illi dak li jista' jigi avvertit b' certezza hu l-fatt tal-bosta kontestazzjonijiet propulsi mill-kontendenti. Essenzjalment, huma jikkontrastaw ruhhom fuq il-meritu tar-responsabilita` ghall-incident, l-apprezzament tal-perit legali dwarhom, u dwar il-metodu u kriterji adottati fil-likwidazzjoni tad-danni;

Mill-atti jirrizulta illi l-uniku xhud okulari ta' kif sehh l-incident, fatali ghall-wiehed mill-konducenti, hu l-konvenut innifsu, u ghalhekk parti direttament interessata fl-ezitu tal-kawza. Huwa jiddeskrivi d-dinamika ta' l-incident bil-mod segwenti:-

I. Il-vettura tieghu kienet ipparkjata vicin id-dar ta' abitazzjoni, bil-quddiem taghha jhares lejn Birkirkara. Huwa startjaha, hares biex jara jekk kienx gej traffiku, xeghel l-*indicator*, u beda jaghmel U-turn billi htieglu jmur fid-direzzjoni tal-Knisja Parrokkjali ta' l-Imsida;

II. Fl-intervall li kien qed jaghmel din il-manuvra, qisu f'nofs tat-triq, osserva mutur distanti cirka tliet mitt pied qed javvicina bi *speed* qawwi fid-direzzjoni tieghu;

III. Meta s-sewwieq tal-mutur mar "*wrong side*" biex jevita sprall li kien hemm f' dik il-parti tat-triq, huwa arresta l-vettura tieghu;

IV. F'daqqa wahda d-*driver* tal-mutur rega' kiser ghan-naha proprja tieghu izda meta gie biex jidritta l-mutur, skiddja, u l-mutur baqa' jitkaxkar ghal fuq il-bieba tal-karozza, Bl-impatt din spiccat "*total loss*", mentri l-konducent tal-mutur miet tal-kolp;

Il-kumplament tal-provi in meritu ghall-incident huma suddivizi kif gej:-

i. Ix-xhieda Carmelo Ellul (fol. 176) u Joseph Briffa (fol. 179), prodotti mill-konvenut, ghalkemm jistqarru li ma rawx l-incident, jikkonfermaw illi qabel ma sehh l-impatt, semghu “hoss kbir” ta’ *motor cycle*, bhal “tvenvina” u “hoss ta’ ajruplan”;

ii. Minn naha taghhom l-atturi Angelo Galea (fol. 23) u Eva Galea (fol. 24), genituri tad-decujus Alexander Galea, enfasizzaw il-punt illi binhom fil-mument ta’ l-incident kien liebes *crash helmet*. Dan il-fatt huwa wkoll korroborat minn Fr. John Scerri (fol. 21) li acceda fuq il-post biex jissomministra l-assoluzzjoni;

Fl-analisi li ghamel tal-provi minn dan il-kwadru tal-fatti, il-kompjant Avukat Dottor Joseph Ciappara, nominat bhala perit legali, jaskrivi l-htija liz-zewg sewwieqa u japporzjona r-responsabilita` ghas-sinistru billi jattribwixxi zewg terzi (2/3) tat-tort lill-konvenut u terz (1/3) lid-decujus;

Huwa jibbaza din il-konkluzjoni tieghu fuq il-konsiderazzjoni minnu akkordata lil dawn iz-zewg fatturi, u cjoe, (i) il-manuvra nkonsulta tal-U-turn da parte tal-konvenut, li hu jqisha bhala l-kawza prossima ta’ l-incident u (ii) l-i*speed* li bih id-defunt kien qed isuq il-mutur tieghu;

Il-kontendenti jikkritikaw din il-parti tar-relazzjoni riferibilment ghall-kwestjoni tar-responsabilita` billi jikkontendu illi l-htija ghandha tigi akkollata interament wiehed lill-iehor;

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa r-rizultanzi peritali fil-konfront tal-provi attendibbli, u hi tal-ferma opinjoni illi, bil-kontra ta’ dak pretiz mill-kontendenti, il-konkluzjoni tal-perit legali hi ben fondata. Huwa jaghmel valutazzjoni oggettiva tal-provi u specjalment tal-kondotta fis-sewqan taz-zewg konducenti. Ir-rikostruzzjoni tieghu tad-dinamika ta’ l-incident tinsab valutata fuq ezami akkurat ta’ din l-istess kondotta, il-presunzjoni tal-htija fil-konvenut ghall-manuvra li ghamel, u l-fatt tal-velocita` gholja li bih kien

qed jigi misjuq il-mutur mill-vittma. Velocita` tali li kienet tinnewtralizza dak il-"*margin of safety*" tant necessarju ghal kull emergenza li setghet tinqala. Dan anke ghaliex, kif ben saput minn kull utent, l-istat tat-traffiku kapaci jinbidel minn mument ghall-iehor f' tebqa ta' ghajn;

Hu dejjem necessarju f' kazijiet bhal dawn illi wiehed jindaga r-rapport ta' kawzali bejn il-kondotta u l-event dannuz. Hekk ghamel il-perit legali fejn stabbilixxa illi l-kawza prossima ta' l-incident kienet il-manuvra inkonsulta u inaspettata tal-konvenut;

Cionostante, din il-kostatazzjoni ma ghandhiex *per se* tfisser illi hi eskluza kwalsiasi ricerka ohra. Dan l-aktar biex jigi determinat jekk kienx hemm ukoll il-konkors ta' xi kolpa da parte tad-danneggjat jew tal-vittma. Fatt dan li gie wkoll korrettement mizurat mill-perit legali fil-kaz in disamina. L-aspett generiku tal-"htija" dezinjat fid-disposizzjonijiet relattivi taht il-Kodici Civili certament jakkordaw riflessjoni fuq din il-materja fl-elementi kollha taghha; kompriz allura l-kwestjoni tal-kontributorjeta`;

Dan premess, ma kienx logikament jonqos li l-kontendenti jikkritikaw anke l-apporzjonament tar-responsabilita`. Ghal darba ohra, pero`, din il-Qorti ma ssibx raguni sufficjenti biex tiddisturba l-konkluzjoni tal-perit legali fir-rigward, anke jekk hi konxja mill-osservazzjoni illi "*apportionment, as was said by the House of Lords in the Macgregor (1943) A.C. 197, involves an individual choice or discretion as to which there may well be differences of opinion by different minds. For this reason it should be interfered with only in very exceptional cases*" – "**Edward George Arrigo *et nomine* –vs- Paul Laferla**", Appell Kummercjali, 16 ta' Mejju 1960;

Fil-kaz *de quo* din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni gravi ta' xi interpretazzjoni zbaljata tal-fatti jew tal-principji tal-ligi fir-rapport peritali li jista' b' konsegwenza jinduciha tvarja l-apporzjonament raggunt. Ara a propozitu decizjoni fl-

ismijiet "**Leonardo Sacco *et nomine* –vs- Joseph Bonnici**", Appell Civili, 19 ta' Frar 1962;

*In subjecta materia* il-principju konformement akkolt mill-Qrati taghna hu fis-sens illi "l-kwistjoni jekk kienx hemm *contributory negligence* miz-zewg nahiet ma tistax tigi deciza fuq supposti principji aprijoristici jew regoli legali fissi, izda skond principji tas-sens komun" – "**Cristino Zahra –vs- Raymond G. Ashley**", Appell Civili, 24 ta' Gunju 1960;

Zgumbrat it-terren mill-kwestjonijiet insorti in materja tar-responsabilita`, din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina u tiddeciedi, fuq l-iskorta ta' dak li ntqal, il-kwestjoni dwar il-likwidazzjoni tad-danni;

Is-soluzzjoni tal-problematika mhix nieqsa minn diffikoltajiet tant li jidher bil-wisq ovvju illi din tikkostitwixxi l-problema l-aktar spinuza bejn il-kontendenti. Dan jista', u effettivament hu, indott mill-fatt illi fuq is-suggett il-Qrati taghna mhux dejjem kienu uniformi fl-adozzjoni tal-kriterji minnhom adoperati. B' konsegwenza, dan nissel disparita` fit-trattament tal-kaz specifiku in kwantu danni ta' l-istess entita` gew rizarciti b' mod differenti minn Qorti ghall-ohra. Hu forsi l-kaz illi din id-disparita` tigi darba ghal dejjem kolmata, b' legislazzjoni idonea, li tahseb ghall-adozzjoni ta' kriterji aktar uniformi;

Premess dan li ntqal, huwa indubitat illi d-danni akwiljani jikkostitwixxu lezjoni ta' qaghda guridika soggettiva li l-Kodici Civili taghna, bhal kodicijiet ta' pajjizi ohra, jirrikonoxxi bhala meritevoli ta' tutela;

Ghal dik li hi hsara fuq il-persuna d-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi ispirata mill-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili fejn nsibu konfigurat il-pregudizzju rizarcibbli f' termini ta' *damnum emergens* u *lucrum cessans*. Din il-forma duplici tad-danni nirriskontrawha wkoll fl-Artikolu 1046 sussegwenti li jitratta mis-sitwazzjoni avvenuta f' kaz

ta’ mewt. Artikolu dan li jghodd ghal kaz in diskussjoni u li fl-interita` tieghu jaqra’ hekk:

“**Jekk minhabba l-ghemil li jaghti lok ghad-danni xi hadd imut, il-qorti tista’, flimkien mat-telf u spejjez attwali kkagunati, taghti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bhal fil-kaz ta’ inkapacita` totali ghal dejjem, skond id-disposizjonijiet ta’ l-ahhar artikolu qabel dan.**”

Jinhass forsi opportun illi qabel kull approfondiment ta’ dan l-artikolu, jigu sottolinejati dawn ir-riljievi, rikapitulati mid-decizjoni fl-ismijiet “**Emmanuela Galea *proprio et nomine* –vs- Paolo Gatt *et***”, Appell Civili, 24 ta’ Novembru 1958, li, incidentalment, kienet ukoll titratta minn incident fatali fi skontru bejn vettura u *motor*-cycle:-

“Ghad illi f’ dawn il-kazi hu wisq naturali li wiehed ihoss simpatija u jiddispjacih ghat-telfa li s-superstiti jkunu garrbu, li bosta drabi ebda kumpens ta’ flus ma jista’ jtaffi jew ifarrag, b’ dan kollu wiehed ma jistax, fil-qies tad-danni, li ghandhom jithallsu, ihalli ruhu jkun influwenzat minn dawn il-konsiderazzjonijiet.”

Minn naha l-ohra, dejjem kif osservat f’din l-istess sentenza, “wiehed ghandu jara illi l-ligi, biex tkun gusta, ghandha tassigura illi t-telf pekunjarju u patrimonjali li bata min sofra l-hsara ghandu jkun, kemm jista’ jkun, rizarcit. Il-principju hu li l-patrimonju tal-vittma ghandu, jigi, jekk jista’ jkun, interament re-integrat, b’ mod li l-eredi tal-mejjet jitqeghdu kemm jista’ jkun fl-istess posizzjoni li fiha kienu jkunu kieku d-disgrazzja ma gratx.”;

Tajjeb ukoll li hawn tigi spjanata l-kwestjoni dwar ix-xorta ta’ azzjoni spettanti lis-superstiti f’ kaz tal-mewt tal-kongunt taghhom, kif ukoll certi problemi ohra ravvisati mill-gurisprudenza fir-rigward. Dan hu mehtieg li jsir minhabba certi riflessi li jista’ jkollhom fuq il-materja hawn ezaminata;

F'sentenza elaborata pronunzjata mill-Qorti ta' l-Appell, kolleggjalment komposta, fil-kawza fl-ismijiet "**Giuseppa armla ta' Salvatore Cortis *et* –vs- Cecil Baker *nomine***", 31 ta' Jannar 1997, dik il-Qorti, bl-akkoljiment ta' l-enuncjazzjoni fid-decizjoni a **Vol. XXIV P I p 900**, kienet irriteniet illi l-azzjoni tas-superstiti hi *"ex jure proprio*";

Gie minn dik il-Qorti argomentat illi "l-fatt li l-legislatur uza l-kelma "eredi" mhix *per se* konklussiva li l-azzjoni hi moghtija '*jure haereditatis*' ghax biex azzjoni tkun tali qabel xejn tkun tirrigwarda xi beni li kien ga fil-patrimonju tad-decujus qabel ma miet ... ghalhekk l-interpretazzjoni li trid tinghata lill-Artikolu 1089 (illum Artikolu 1046) mhix dik li l-eredi fih imsemmija huma vestiti b' dik l-azzjoni bhala dritt lilhom trafuz mill-vittma, izda inveci li, ghalkemm huma jikkonsegwixxu dak id-dritt minhabba l-mewt tieghu, dan isir *ope legis* u bhala dritt *proprio* taghhom, li hu koncett sostanzjalment differenti, u ghalhekk mhuwiex dritt recepit mill-massa ereditarja, ghax hawn mhux qed nitkellmu izjed fuq it-trasmissjoni ordinarja lill-eredi tieghu tad-drittijiet minnu akkwistati waqt hajtu taht l-Artikolu 1088 (Artikolu 1045) u li ma kellux zmien jesperixxi ghalih innifsu sakemm miet, izda fuq ordni iehor ta' ideat.";

Dan il-hsieb, ghalkemm taht punto di vista divers, jattalja ma' dak tal-Qorti Kostituzzjonali Taljana (sentenza numru 372 ta' l-1994) li innegat "*la configurabilita` del cosi` detto danno biologico da morte 'iure hereditario' nell' ipotesi in cui la morte del danneggiato avvenga simultaneamente all' illecito, in quanto la connotazione stessa del danno biologico e` legata alla sopravivenza della vittima. Viceversa se tra l' illecito e il decesso trascorre un apprezzabile lasso di tempo, il diritto a chiedere il risarcimento del danno biologico si trasmette agli eredi.*" Jidher li din l-enuncjazzjoni giet definittivament konsegwita mill-Qrati kif illustrat mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana C 01/4783 u C 99/1131);

Minn dawn l-espressjonijiet ta’ hsieb, il-fatti tal-kaz, u t-test tal-ligi, ex Artikolu 1046, din il-Qorti taghmel dawn ir-riflessjonijiet:-

(A) Id-decujus miet istantanjament ma’ l-incident u l-atturi huma “werrieta” tieghu;

(B) L-azzjoni ezercitata mill-atturi qed issir minnhom “*iure proprio*”, bis-sahha tad-dritt lilhom konferit bl-operat tal-ligi fl-Artikolu 1046;

(C) L-interpretazzjoni li trid tinghata lill-imsemmi Artikolu 1046 mhix dik ta’ konferiment ta’ drittijiet successorji. Dan il-ligi tipprovdi ghalih f’ disposizzjonijiet partikulari taht istituti ohra. Il-fatt li l-legislatur taghna ikkolloka d-disposizzjoni taht l-istitut tad-Delitti u tal-Kwazi-Delitti, liema disposizzjoni jidher li hi wahda partikulari ghas-sistema tal-ligi taghna, kien mahsub u ntiz biss bl-iskop li jaghti lill-“werrieta” l-istess dritt li kien jigi moghti lid-danneggjat, kieku flok miet, dan gie permanentement inkapacitat. L-azzjoni ta’ l-atturi allura qed tigi esperita minnhom in forza ta’ dan id-dritt guridiku moghti mil-ligi u mhux b’ kawza ta’ xi trasmissjoni *ope successionis*;

(D) Anke fis-sitwazzjoni hemm prevvista fl-artikolu citat l-atturi huma akkordati danni bhal fil-kaz ta’ inkapacita` totali ghal dejjem. Dan huwa hekk logiku mill-kombinazzjoni flimkien ta’ l-Artikoli 1045 u 1046;

Aspett iehor importanti li jehtieglu jigi ffokat hu dan. L-indennizz li l-ligi takkorda hu lill-werrieta u mhux lid-dipendenti tal-mejjet. Kif ritenut mill-Qorti fil-kawza fl-ismijiet “**Ronald Petrie *et* –vs- Sebastiano Ciappara**” Appell Civili, 22 ta’ Gunju 1964, “mhux korrett u mhux gustifikat mill-kliem tal-ligi dak li qalet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sens illi biex jista’ jinghata dan l-indennizz jehtieg li jkun hemm certa dipendenza ta’ l-eredi mill-awtur taghhom jew ahjar mill-qliegh li dan kien jaghmel jew ragjonevolment kien mistenni li jibda jaghmel.”;

Dik il-Qorti ssoktat tippuntwalizza illi hi kienet "tiddissenti enfatikament minn kull proposizzjoni illi biex eredi jkollhom dritt ghall-indennizz jehtieg li jigi provat illi l-mejjet kien jaqla' l-flus fl-imghoddi jew li kien jikkontribwixxi ghas-sussistenza taghhom. Anqas id-dipendenza futura m'hi, fil-ligi taghna, kondizzjoni precedenti u essenzjali ghall-ghoti ta' dak l-indennizz";

Ta' min jirrileva illi filwaqt li l-Qrati taghna rrikonoxxew dan kollu u in partikulari li l-indennizz mhux kondizzjonat jew limitat minn fatturi ta' dipendenza, eppure imbaghad meta gew ghal-likwidazzjoni ta' l-ammont introducew kuncetti limitattivi daqslikieku d-dipendenza kienet cirkostanza vitali fil-mizurazzjoni tad-danni jew ta' kif ghandu jigi tradott it-telf patrimonjali. Dan qed jinghad b' referenza ghas-sottrazzjonijiet li solitament jsiru f'kazijiet konsimili ghal hekk imsejha "*degree of dependence*" u "*own consumption*";

Bir-rispett kollu dovut, din il-Qorti kif presjeduta, ma thossx li tista' taqbel ma' din l-veduta jew li ssegwi l-orjentament tat-tribunali fuq dan il-punt kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha. Il-Qorti hi tal-fehma illi tali prattici ta' detrazzjoni ghall-"*own consumption*" u "grad ta' dipendenza" ma jsibu l-ebda gustifikazzjoni skond il-vot tal-ligi. Jidher li dawn iddahhlu bhala prattika forensi fiz-zmien meta l-massimu tal-kwantum kien limitat sas-somma ta' elf u mitejn lira (Lm1200), u allura forsi anke minhabba l-biza tal-kwantum tad-danni ottenibbli f' epoki diversi, kienet inhasset il-htiega ta' l-introduzzjoni taghhom; altrimenti, kif kien ammonixxa Sir Adrian Dingli, "*si potrebbe cagionare la rovina del danneggiante*". Mill-punto di visto tal-vot tal-ligi fl-Artikolu 1045 din il-Qorti ma tara l-ebda gustifikazzjoni, la logika u lanqas guridika, ghall-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, jew "tal-konsiderazzjonijiet tal-posizzjoni socjali u ekonomiku – kummercjali tal-partijiet" servjenti bhala gwida ghall-gusta kompensazzjoni. (Ara **Vol. XXXIII P II p 1**). Altrimenti jibqa' jkollna s-sitwazzjoni assurda, u mhux aktar tenibbli, illi l-mewt, rizultat ta' fatt illecitu, tkompli

tiswa' anqas minn semplici menomazzjoni fizio-psikika konsegwenti mill-istess fatt;

Il-Qorti tara illi l-argoment ghar-ritenzjoni ta' dawn id-detrazzjonijiet ghandu korrispondentement igib mieghu, b' argoment iehor, l-introduzzjoni ta' konsiderazzjonijiet addizzjonali fil-likwidazzjoni tad-danni. Il-mistoqsija li tinsorgi hi din: ghaliex allura ma ghandhomx jitqiesu wkoll id- danni konsegwenzjali provanti dik l-interdipendenza bejn l-offiza u l-konsegwenzi taghha fuq il-“werrieta” jew dawk non-patrimonjali provokati mit-turbament u l-iskwilibriju li l-mewt, u l-aktar dik tragika u hesrem, iggib lill-komponenti familjari. Dan mhux biss u necessarjament mill-perspettiva tar-rapport affettiv mal-mejjet, izda wkoll meqjus fil-kwadru guridiku li, f' dan l-istess rapport, jikkreja dawk id-drittijiet u doveri sanciti mil-ligi. Certament, in-nukleju familjari ser ikun tilef l-appogg immedjat – u dan, s' intendi, japplika wkoll ghall-futur – ta' wiehed mill-komponenti tieghu. Tali appogg, anke jekk mhux wiehed ekonomiku, jista' pero` jissaraf f' telf ekonomiku fil-futur ghall-familjari jekk, per ezempju, l-genituri jew l-ahwa jkunu jenhtiegu l-assistenza ta' persuni estranei biex jghinuhom. Assistenza li setghet tigi prestata lilhom mid-decujus;

Il-kwestjonijiet kollegati mal-mewt improvviza b' rizultat ta' att lesiv huma kumplessi u ghalhekk jibqa' dejjem difficli x' ghandu jigi nkluz fil-, jew eskluz mil-, likwidazzjoni tar-rizarciment tad-danni provokati mit-terz. Jibqa' l-fatt li min irid jiggudika jrid isegwi d-dettam tal-ligi kif redatt fid-disposizzjonijiet relattivi, kif gja fuq spjegat;

Naturalment f' kazijiet ta' din ix-xorta, bl-ghoti tad-diskrezzjoni affidata lill-Qorti, il-mizura tal-kumpens ghandha tigi rigwardata fil-konsiderazzjonijiet generali tal-likwidazzjoni ta' l-ammont. Dan pero` rrispettivament minn kull teoretika dwar id-“*degree of dependence*” u “*own consumption*”. Ghal darba ohra l-Qorti tawspika dejjem anke f' dan is-settur normi precizi bl-iskop li tintlahaq konvergenza mizurata u aktar konsona bejn id-

drittijiet reciproci tal-partijiet involuti. B' hekk ukoll jigi assikurat l-ahjar harsien taghhom;

Issa l-perit legali dderima l-kwestjoni tar-rizarciment billi adotta *multiplier* ta' tletin (30) sena. Dan ukoll gie kritikat mill-partijiet, l-aktar mill-atturi li ppretendew kalkolu ta' zmien ferm aktar gholi;

Il-Qorti hi konxja mill-fatt illi xi decizjonijiet akkordaw terminu li jestendi sa l-eta` pensjonabbli (*ad exemplum*, "**Kevin Agius –vs- Colin Murphy**", Qorti tal-Kummerc, 23 ta' Marzu 1990). Cionostante, din il-Qorti hi linejari mal-hsieb traccjat f' sentenzi ohra li ma naqsux milli jqisu il-konsiderazzjoni tac-"*chances and changes of life*" (Ara "**Karen Zimelli –vs- Michael Sammut**", Prim' Awla, Qorti Civili, 15 ta' Gunju 1993). F' din l-ahhar sentenza gie ukoll adottat *multiplier* ta' 30 sena ghal persuna li fiz-zmien ta' l-infortunju kellha biss ghoxrin (20) sena;

Fic-cirkostanzi tenut rigward li d-decujus kellu biss 21 sena ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-*multiplier* applikat hu wiehed ekwu u gust;

Kif ukoll jidher gustifikat il-fatt taz-zidiet kontemplati mill-perit legali fir-rigward tal-kalkolu tal-qliegh futur. Huwa veru illi kif intqal bosta drabi ma jezistu l-ebda regoli fissi jew kriterji assoluti izda, kif tghid il-ligi stess, ex Artikolu 1045 (2), ghandhom jitharsu c- cirkostanzi partikulari f' kull kaz;

Ghalhekk il-Qorti qed taccetta l-figura ta' tliet elef u hames mitt lira (Lm3500) raggunta mill-perit legali bhala somma realistika komprensiva tal-qliegh futur;

Kwantu ghad-deduzzjoni tal-persentagg ta' ghoxrin fil-mija (20%) ghal-"*lump sum* payment" il-perit legali kien approva li jsir dan it-tnaqqis fuq il-presuppost illi sa dakinhar ta' intavolar tar-relazzjoni tieghu (1996) kienu ghaddew biss hames snin mid-data ta' l-incident. Illum il-

posizzjoni hi wahda differenti billi issa ghaddew kwazi tnax (12) il sena mill-istess incident;

Fic-cirkostanzi, anke jekk din il-Qorti hi konsepevoli minn dak espress fis-sentenza fl-ismijiet "**Mark Caruana –vs- Grazio sive Horace Camilleri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1993, u ohrajn ta' l-istess speci, fejn l-imsemmija percentwali giet ridotta b' rata ta' tnejn fil-mija (2%) ghal kull sena mid-data ta' l-incident sal-finalizzazzjoni tal-kawza, thoss li riduzzjoni xierqa u gusta ta' din l-istess percentwali ghandha tkun ta' ghaxra fil-mija (10%);

Kwantu ghad-*damnum emergens* ma jidhirx li hemm xi diverbju fuq il-mod kif id-dannu fuq il-mutur gie assessjat bl-adozzjoni ta' l-arbitriju mill- perit legali. Ghalekk ser tadotta l-figura ta' mija u hamsin lira (Lm150) ghal dawn l-ispeci ta' danni;

Fuq l-istregwa ta' dawn id-deduzzjonijiet kollha fuq riportati din il-Qorti qed tillikwida d-danni totali bil-mod segwenti:-

| | | |
|---|---|---|
| 1. *Damnum Emergens* | | Lm150.00,0 |
| 2. *Lucrum Cessans* (Lm3500 x 30 – 10%) | | Lm94500.00,0 |
| | Total | Lm94650.00,0 |

Kif gja nghad fuq, id-decujus ikkontribwixxa ghal terz (1/3) tar-responsabilita` u tad-danni. Li jfisser ammont ta' wiehed u tletin elf hames mija u hamsin lira Maltija (Lm31,550) tas-somma appena stabbilita;

Ifisser ukoll illi r-rimanenti bilanc ta' tlieta u sittin elf u mitt lira Maltija (Lm63,100) ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli fi grad ta’ zewg terzi (2/3) tad-danni konsegwiti b’ rizultat ta’ l-incident fatali tat-23 ta’ Gunju 1991 f’ B’Kara Road, Msida li fih tragikament tilef hajtu Alexander Galea kongunt ta’ l-atturi;

Tilqa’ t-tieni talba billi tillikwida d-danni li ghandhom jithallsu lill-atturi fl-ammont ta’ tlieta u sittin elf u mitt lira Maltija (Lm63,100);

Konsegwentement tilqa’ t-tielet domanda billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma fuq likwidata in linea ta’ danni.

L-ispejjez gudizzjarji kollha ghandhom jigu spartiti kwantu ghal terz (1/3) mill-atturi u zewg terzi (2/3) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------